**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' April 2023**

**<u>Rikors Guramentat nru ; 153 /2017 AGV</u>**

**RC**

**Vs**

**AC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' RC li ppremettiet is-segwenti:-**

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Mejju 1971 fil-Knisja Parrokjali tal-Hamrun gewwa San Gaetano.

Illi minn dan iz-zwieg kien hemm zewgt itfal illum huma maggorenni.

Illi l-hajja ta' bejniethom saret impossibbli minhabba tortijiet imputabbli lill-intimat fosthom swat, abbuz, vjolenza emozzjonali u finanzjarja eccessi tant li l-esponenti kellha tallontana mid-dar matrimonjali.

Illi l-hajja konjugali ta' bejniethom m'ghadhiex possibbli minhabba n-nuqqasijiet imputabbli unikament lill-intimat.

Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b' din il-kawza permezz ta' digriet datat 11 ta'  Mejju 2017.

Illi l-fatti dikjarati tafhom hi personalment.

**Ighid ghalhekk  il-konvenut ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet gravi u tortijiet unikament lill-konvenut.

2. Tiffissa u tillikwida manteniment li l-konvenut ghandhu jhallas manteniment favur l-esponenti.

3. Tiddikjara liema huma l-beni immobbli u mobbli dotali jew parafernali u dawk li saru waqt iz-zwieg li huma tal-attrici hekk kif jirrizulta waqt t-trattazzjoni tal-kawza u li tordna lill-konvenut sabiex jikkostitwixxi lill-attrici tali beni dotali jew parafernali jew tal-komunjoni tal-akkwisti taghha u dan minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' AC li eccepixxa s-segwenti:-**

1. L-eccipjent jaqbel mal-ewwel talba attrici li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u l-attrici, pero' mhux bi htija tieghu, izda bi htija, u ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess attrici minhabba abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk kienet l-attrici stess li, bl-attitudini u bl-agir taghha matul iz-zwieg, wasslet biex dan tkisser irrimedjabilment.

2. Konsegwentement, it-tieni talba attrici ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-manteniment lill-attrici ghandha tigi michuda.

F'kull kaz, l-eccipjent ilu snin ma jahdimx u l-uniku dhul tieghu huwa mill-assistenza socjali. L-attrici min-naha taghha wkoll tircievi l-assistenza socjali, u ghalhekk it-tnejn jinsabu fl-istess sitwazzjoni ta' dhul.

L-attrici ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mill-jedd li tircievi manteniment, jew kwalsiasi jedd jew beneficcji ohra mill-patrimonju tal-eccipjent, minhabba filli tahti wahedha ghat-tkissir taz-zwieg kif fuq inghad.

3. L-eccipjent jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti ghandha tigi xjolta b'effett minn dik id-data li l-attrici abbandunat lill-eccipjent, jew kull data ohra li l-Qorti tista' tistabbilixxi. Ghal dan il-ghan, l-istess komunjoni ghandha tigi likwidata, maqsuma u kull parti assenjata s-sehem spettanti lilha, pero' l-attrici, minhabba l-htijiet taghha u b'applikazzjoni tal-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili, m'ghandhiex tinghata sehem mill-akkwisti maghmula mill-eccipjent minn dik id-data li tistabilixxi din il-Qorti. Inoltre, ghandu jittiehed kont ukoll tal-krediti li l-ecci.pjent ghandu kontra l-komunjoni, kif ukoll tal-proprjeta' parafernali tieghu.

F'kull kaz, l-eccipjent ma ghandux fil-pussess tieghu beni dotali jew parafernali appartenenti lill-attrici, ghajr il-hwejjeg personali taghha li kienet halliet fid-dar.

Id-dar fejn jirrisjedi l-esponent hija proprjeta' parafernali tal-eccipjent, u l-attrici ma ghandha ebda jedd fuqha.

4. F'kull kaz, ma hemmx ragunijiet legali ghall-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili kontra l-eccepjenti, izda ghall-kuntrarju dan l-artikolu

flimkien mal-artikolu 51 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati kontra l-attrici kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. L-eccipjent qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza u qieghed jipprezenta kontro-talba in linea ta' rikonvenzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat il-Kontro-Talba tal-konvenut** AC fejn ippremetta s-segwenti talbiet:-

Peress illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta' Mejju 1971, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, D illum mizzewga C, u JC , li llum it-tnejn huma maggorenni.

Peress illi l-attrici RC rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' zewgha ta' abbandun, eccessi, mohqrija, theddid, u offizi gravi u f'kull kaz il-hajja flimkien ma ghadhiex possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabilment, bi htija tal-istess attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponent jitlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha:-

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici.

2. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett minn dik id-data li l-attrici abbandunat lill-esponent, jew kull data ohra li tigi stabbilita, tillikwida l-istess komunjoni u tassenja l-parti spettanti lil kull naha wara li tqis il-krediti tal-esponent rikonvenzjonant kontra l-komunjoni likwidati kif fuq inghad, b'dan li l-attrici, minhabba l-htijiet taghha u b'applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili, m'ghandhiex tinghata sehem mill-akkwisti maghmula mill-esponent rikonvenzjonant minn dik id-data li tistabilixxi din il-Qorti.

3. Tikkundanna lill-attrici sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tikkonsenja lill-esponent rikonvenzjonant l-oggetti kollha parafernali, inkluzi flus u krediti ohra, u fin-nuqqas, tikkundannaha thallas lill-esponent rikonvenzjonant il-valur taghhom, okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

4. Tiddikjara, jekk ikun hemm bzonn, li d-dar fejn jirresjedi l-esponent rikonvenzjonant tappartjeni lilu wahdu fi pjena u assoluta proprjeta', u li l-attrici ma ghandha ebda jedd fuqha.

5. Tiddikjara li l-attrici ddekadiet minn kull dritt li titlob jew tircievi manteniment minghand l-esponent.

6. Tapplika kontra l-attrici d-disposizzjonijiet tal-artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53) tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti;**

**Rat ir-risposta ghal kontro -talba datata 23 ta' Ottubru 2017 ;**

1. Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel talba pero 'ir-raguni ghat-tifrik taz-zwieg huwa imputabbli lir-ragel
2. Illi ma hemm ebda raguni ghaliex l-esponenti ghandha tbati l-effetti tal-artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili anzi dawn ghandhom japplikaw kontra r-ragel.
3. Illi l-esponenti ma ghandu xejn xi tbati bhala propjeta' parafernali anzi hu r- ragel li ghandu jhallas propjeta' parafernali lill- esponenti.
4. Illi l- esponenti ghandha dritt ghall- ispejjez li intefqu fid-dar matrimonjali ghax kollox sar wara z-zwieg
5. Illi l-esponenti ghandha dritt li tircievi manteniment minghand ir-ragel.
6. Illi kif diga inghad, ma ghandux ghalfejn jigu enforzati xi effetti tal-artikolu tal-Ligi, kontra l-esponenti

**<u>Fatti</u>**

1. Il-komparenti kienu damu flimkien bejn sentejn jew tlett snin. L-attrici zzewwget lill-konvenut fid-9 ta' Mejju, 1971 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li llum huma maggorenni.

   Tghid li dak iz-zmien meta kellha tmintax-il sena, il-konvenut kien xtara bicca art ghall-valur ta' Lm700 u wara saret taf li ommha kienet tatu Lm200 u dan ghaliex l-ewwel intenzjoni kien li jmorru l-Kanada, mbaghad iddecidew li jibqghu Malta.

Tghid ukoll li ma kinitx taf taqra u kienet marret mieghu ghall-kuntratt minghajr ma kien qalilha li kien xtara l-art u ffirmat quddiem in-Nutar, minkejja li tghid li ma tafx ghaliex kienet qed tiffirma. Kien anke avzaha sabiex ma tghidx li kienet l-gharusa tieghu. Wara li ffirmaw il-konvenut kien qallha li kienu xtraw l-art.

Issostni li l-konvenut qed jinsisti li l-art hija tieghu peress li kien hareg Lm500 ghaliha. Dak iz-zmien bdiet tahdem mal-Bluebell u mill-paga taghha kienet tghaddi xi flus lill-konvenut daqqa ghas-saqaf u anke ghall-madum. Fil-fatt tghid li kienet anke tahdem il-Hdud sabiex ikollha bizzejjed flus biex tghaddihomlu.

Tispjega li meta zzewwgu l-post kien ghadu art u saqaf u kienu lestewh wara z-zwieg u kien jippretendi li ghandha tahdem. Meta zzewwgu kulma kellhom kienet kcina u sodda. Peress li dak iz-zmien il-konvenut kien jahdem bhala mastrudaxxa kien jaghmel l-ghamara hu bil-mod. Izzid tghid ukoll li wara z-zwieg ma kinitx baqghet tahdem ghax bdew gejjin it-tfal.

Meta dahlu d-dar kellhom sular wiehed u fis-sena 1986 kienu bnew sular iehor sabiex ikollhom il-kmamar tas-sodda.

Tghid li ghall-bidu z-zwieg taghhom kien mexa tajjeb, izda mbaghad il-konvenut kien beda jsawwat kemm lilha kif ukoll it-tfal. Kien iheddidha biex titlaq, izda ma kinitx disposta li taghmel hekk peress li kienet darha ukoll u kien hemm fuq kollox it-tfal. Izid tghid li anke ommu kienet tigbidlu l-attenzjoni sabiex jibza' ghaliha. Minkejja dan ma kellhiex kuragg tirrappurtah.

Kien ghamel zmien jahdem l-ghamara u kienet tghinu. Kien jaghmel dan ix-xoghol minn garaxx li kien bil-kera jismu St. Mary Garage. Meta x-xoghol ta' mastrudaxxa naqas, kien beda jahdem bhala *panel beater* u sprejer tal-karozzi u kien jahdem minghajr permess u dan holoq problemi mal-girien li kienu jibghatu l-pulizija. F'dan ix-xoghol tghid ukoll li kienet tghinu.

Tikkonferma li sallum il-konvenut ghadu jaghmel dan ix-xoghol ta' sprejer u jahdem minn garaxx li jikri minghand certu M,  f'61 Cannon Road, Sta. Venera u l-kera hija ta' circa €800 kull tlett xhur.

L-attrici tinsisti li l-konvenut kien hadilha d-dehebijiet taghha u poggihom il-bank u meta tkellmet mal-manager, kien qalilha li m'ghandhiex dritt ghalih. Tghid li bhala dehebijiet kellha sett ta' djamanti li kienet tatha ommha, barbazzal, fili kbar, sett tas-serp (brazzuletta u curkett), kien hemm ukoll ic-curkett tat-tieg u l-engagement, labra u par imsielet parigg, brazzuletta tal-filogranu, gizirana hoxna, xi hamest icrieket ohra u xi tlett imsielet ohra. Il-konvenut tghid qed jinsisti li ma kellhiex dawn id-dehebijiet.

Izid tghid li l-konvenut kien ircieva kont kbir peress li ma kienx qed ihallas il-bolol u ma kinitx taf b'dan peress li kienet thalli f'idejh. Dan kien wassal sabiex tella' kont ta' xi tlettax-il elf liri Maltin (Lm13 000) u kont iehor ta' tlett elef liri (Lm3000) xi gimaghatejn wara. Dan kien ghall-habta tas-sena 2004.

Kien ghadda Bord u tispjega li l-psikjatra Dr. Vella Baldacchino kien iccertifikah bhala illiterat, li qatt ma hadem u li kien qatt ma kien f'siktu biex jahdem u ghalhekk kien isawwathom. Kienet ghenithu certu G C  li kienet tigi minnu u fl-applikazzjoni kien iddikjara li d-dar kienet tal- genituri taghha. Meta sab li kellu jiddependi fuqha iktar beda jsir aggressiv u jsawwatha.

Kienet it-tifla li ddecidiet li tehodha tghix maghha minhabba li kienet tara lill-missierha jsawwatha u jiggieldu in kontinwazzjoni u ilha tghix maghha ghal hmistax-il sena.

Tghid li l-konveut ilu ma jaghtiha manteniment ghal dawn l-ahhar disa' snin u dan wara li bdiet tiehu l-pensjoni. Qabel kien itiha Lm30 fil-gimgha. Tikkonferma ukoll li llum il-konvenut huwa f'relazzjoni ma' mara ohra ma' certu C  mill-Bahrija.

Tichad li kienet tberbaq il-flus tal-konvenut jew tilghabhom. Tinnega ukoll li kienet bieghhet id-deheb jew li ssellfet fuq l-idejn sabiex ikollha flus biex tilghab. Tammetti li l-uniku deheb li kienet bieghhet kienu par fili biex tixtri rigal peress li kienet ser tkun parrina tan-neputi.  Jekk kien jehodha l-Bingo l-Belt dan kien sabiex iressaqha lejn persuna li kellu bzonnu li kienet G C . Izzid tghid ukoll li kienu jmorru flimkien il-Casino Dragonara u ma semmiex kemm kien tilef flus hemmhekk. In kontro-ezami ammettiet li kien hemm okkazzjoni fejn kienet marret wahedha ghax kienet mistiedna ikla.

2. **Il-konvenut** jispjega li dwar id-dar matrimonjali kien hu li bena l-art u dak iz-zmien kien ighinu missieru. Fiz-zmien li kien xtara l-art kien ghall-habta tas-sena 1967 u sena wara cirka kien tgharres mal-attrici. Jinnega li l-genituri kienu tawh xi flus sabiex akkwista l-art u jikkonferma dan peress li huma lanqas kienu joqoghdu f'post sura.

   Jikkonferma ukoll li kien hemm pjanijiet li jemigraw lejn il-Kanada, izda peress li hut l-attrici kienu emigraw ukoll u l-familja kienu haduha bil-kbira kien iddecieda li jibqa' hawn. Jinnega ukoll li omm l-attrici kienet tatu xi flus

u dan iktar u iktar meta kellha disat itfal u kien anke ha lill-missier l-attrici jahdem mieghu ukoll meta kien jaghmel ix-xoghol tal-lostru.

Jispjega li meta mar biex jixtri l-art kien mar mal-genituri tieghu u peress li kellhom bzonn xhud, ommu kienet issuggeriet li jsaqsu lill-attrici biex tmur maghhom ghand in-Nutar. Il-bejjiegha kienet disposta li taghtih l-art b'cens perpetwu, bil-patt li jhallas tlettin lira fis-sena cens. Inoltre riedet rigal ta' tlett mitt Euros. Kienu arrangjaw li jhallas ftit ftit. Ikkonferma ukoll li l-attrici kienet dehret fuq il-kuntratt biss bhala xhud. Jinnega li kien avzaha sabiex ma tghidx li kienet l-gharusa tieghu.

Jikkonferma ukoll li kienu bnew sular iehor fuq id-dar u dan kien sehh fiz-zwieg u kien bnieh hu.

Il-konvenut jikkonferma li ghall-bidu kien jahdem bhala mastrudaxxa, imbaghad meta naqas ix-xoghol kien jahdem bhala tellar u sprejer. Illum ghadu qed jaghmel dan ix-xoghol u jispjega li jahdem minn garaxx f' Canon Road li huwa mikri. Jinnega li l-attrici kienet tmur tghinu jaghmel ix-xoghol, li kienet taghmel kien li tnaddaf il-karozzi li kien qed jahdem fuqhom sakemm kien jiehu bicca hobz.

Il-konvenut ikkonferma li l-attrici kienet ilha li telqet mid-dar matrimonjali xi ghoxrin sena ilu. Ighid li wahda mill-ikbar problemi taghhom kienet li l-attrici kellha l-vizzju tal-loghob u kien wara glieda fuq il-loghob li qabdu jiggieldu u binthom hadet lill-attrici d-dar maghha u ghadha tghix hemmhekk sallum.

Ighid li dak iz-zmien kien ighaddilha tletin lira Maltin fil-gimgha bhala manteniment.

Dwar id-deheb ighid li kien tal-attrici kien refghu u dwar dawk li gabet qabel iz-zwieg kien tah lura curkett tad-djamanti, barbazzal, par fili u xi msielet ohrajn.

Jikkonferma ukoll li kien waqaf ighaddi manteniment lill-attrici meta bdiet tircievi l-pensjoni. Hu jghid li jircievi €300 fix-xahar pensjoni.

Ighid li wara ghoxrin sena, l-attrici kienet marret lura d-dar u kienu ghamlu xahar sew, imma mbaghad l-attrici bdiet tinghalaq go kamra tas-sodda wahedha u lanqas ma kienet thallih juza l-kamra tal-banju ta' fuq. Ghalhekk illum ma jghix il-garaxx u jsajjar hemmhekk, filwaqt li l-attrici baqghet id-dar matrimonjali u qiedgha komda u tohrog biex tmur il-Casino u hu jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.[1]

3. **JC** hu l-konvenut jikkonferma li kellu garaxx fil-vicinanzi tad-dar tal-kontendenti, kif ukoll il-garaxx taghhom, fejn hu kien jahdem bhala skultur.

Jikkonferma li l-konvenut kien jahdem bhala mastrudaxxa. Jikkonferma ukoll li l-konvenut gieli rah fil-garaxx jirranga karozza, izda ma setax ighid jekk kinitx tieghu.

Jishaq li kien jaf li l-kontendenti kellhom problemi u kien kellem lil huh biex forsi jirrangaw. Jikkonferma pero' li l-partijiet ilhom cirka erbatax-il sena mhux flimkien u l-ahhar li ra l-attrici kien fil-funeral ta' ommu, xi erbatax-il sena ilu, izda kien hemm drabi li cemplilha peress li ghandu rispett lejha,

[1] Dok. AC1

4. **DC** bint il-partijiet ikkonferma li ommha ilha tghix maghha ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena u dan wara kienet rat lill-genituri taghha jargumentaw, izda qabel kellhom il-problemi normali bhal kull koppja normali.

   Tghid li d-dar thallas kollox hi u dan bil-buona volonta' taghha u dwar minn fejn ommha kienet iggib il-flus biex tghix tghid li ma tafx.

5. **J C,** bint il-kontendenti, filwaqt li tikkonferma li ommha ilha tghix ma' ohtha D , tispjega li kien hemm zmien difficli ghall-familja meta x-xoghol ta' mastrudaxxa kien naqas u kien ghalhekk li missierha kien iddecieda li jahdem bhala sprejer. Tikkonferma ukoll li l-attrici kienet tghin lill-konvenut hafna f' xogholu kemm meta kien jahdem bhala mastrudaxxa, kemm meta kien jahdem bhala sprejer.

   Tispjega li llum m'ghandhiex relazzjoni tajba mal-genituri taghha minhabba li dejjem ippruvat tghin, imma mbaghad issib il-bibien maghluqin. Kienet anke hadet il-missierha gewwa darha.

   Tispjega li qabel il-genituri taghha kienu jaqblu u l-attrici kienet tghin lill-konvenut fil-*business* tieghu.

   Dwar il-loghob tghid li tikkwalifikaha bhala delizzju t'ommha mhux vizzju.

   Inkwiet iehor li kellhom jaffaccjaw bhala familja kien meta l-konvenut kien gie mitlub ihallas il-bolla b'lura li kien ammont pjuttost sostanzjali li ma kienx qed ihallas. Sabiex jevita dawn il-problemi kien irnexxielu jghaddi Bord.

   Izzid tghid li apparti dawn il-problemi, missierha kien persuna dominanti li dejjem irid li tghaddi tieghu u jekk le kien isir aggressiv u kien hemm

okkazzjonijiet fejn kienu jerfa' idejh fuq l-attrici. Ommha qatt ma kienet tirrappurtah, izda mbaghad fl-ahhar iddecidiet li ma setghetx tghix mieghu izjed.

Illum hi tishaq li m'ghandhiex relazzjoni tajba ma' missierha.

6. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha li kien hemm zewg kontijiet bankarji savings account bin-numru 40024392961[2] f'isem l-attrici u savings account f'isem il-konvenut bin-numru 40021937581.[3]

   Ikkonfermat ukoll li kien hemm *safety deposit locker* 15356 il-Hamrun f'isem il-konvenut li giet itterminata fit-28 ta' Settembru, 2016. Tikkonferma ukoll li dan is-*safety deposit locker* qatt ma ntuza.

7. **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobs Plus ipprezenta l-employment history tal-konvenut,[4] pero' jghid li rcevew formula darbtejn bhala *self-employed* datata 30 ta' Novembru, 1998 u l-24 ta' Gunju, 1985 ghalkemm jirrizulta li kien hemm *termination form* bl-istess data li tghid li l-impjieg qatt ma sehh. L-impjiegi kienu wiehed ta' sprejer il-Hamrun u l-iehor ta' *labourer building in construction*, Hamrun.[5]

8. **Ivan Cilia**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta diversi dokumenti, kif ukoll spjega li kien anke jircievi

[2] Dok. RAC1
[3] Dok. RAC2
[4] Dok. JPS 1
[5] Dok. JPS 2 – 3

assistenza dwar sahha, mard kroniku  u hija “means tested.” Kazijiet ikunu bhal pressjoni gholja u dijabete u affarijiet simili.[6]

9. **Lorraine Attard** in rapprezentanza ta’ HSBC Bank Malta pprezentat diversi kontijiet bankarji tal-partijiet.

F’isem l-attrici jirrizultaw is-segwenti kontijiet:-

i) Savings account 023-034036-050[7]

ii) Savings account 061 – 291654-050[8]

iii) Savings account 016-226979-050[9]

F’isem il-konvenut jirrizultaw is-segwenti kontijiet:-

i) Savings account – 089-085963-050[10]

ii) Credit card - 4568824000065192 [11]

10. **Stephen Cachi**a in rapprezentanza ta’ Transport Malta kkonferma li kemm fil-prezent kif ukoll fil-passat qatt ma kien hemm vetturi rregistrati fuq l-attrici.[12]

Ipprezenta ukoll dwar vetturi rregistrati fuq il-konvenut,[13] kif ukoll dawk li kienu rregistrati fuq ismu fil-passat.[14]

11. **Dr. Joseph Vella Baldacchino** jikkonferma li meta kien rah il-konvenut l-ewwel darba iktar tkellem mal-familjari ghax il-konvenut kien jidher

[6] Dok. ICD 1 – ICD 5
[7] Dok. LAH 1
[8] DSok. LAH 2
[9] Dok. LAH 3
[10] Dok. LAH 4
[11] Dok. LAH 5
[12] Doks. SC1 – SC 2
[13] Dok. SC 3
[14] Dok. SC4

*depressed* u kien mixhud fuq sufan b'wiccu la genba. Kien ippreskrivilu xi medicini. Imbaghad il-konvenut kien mar jarah il-klinika tieghu l-Marsa u kien hemm xi nota minghand il-GP Dr.Tonio Bugeja. Dakinhar kien jidher iktar smart u izjed irrangat minn meta kien rah l-ewwel darba.
Jispjega li l-konvenut kien qallu li kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabbilita'**

L-attrici qed taddebita lill-konvenut il-htija tas-separazzjoni minhabba li rrenda ruhu hati ta' swat, abbuz, vjolenza emozzjonali u finanzjarja u eccessi.

Il-konvenut fil-kontro-talba tieghu mbaghad jaddebita l-htija ta' separazzjoni lill-attrici minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi.

Fil-kaz **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta'April, 2017, il-Qorti rriteniet hekk - ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali***

***fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

> ***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***
>
> ***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Il-kontendenti jaqblu illi ghall-bidu kollox kien miexi harir fiz-zwieg taghhom u kienu jikkooperaw ma' xulxin, anke fir-rigward tax-xoghol. Il-problemi donnhom bdew meta x-xoghol ta' mastrudaxxa li kien jaghmel il-konvenut kien naqas sew u kien ghalhekk li bdiet it-tensjoni bejniethom.

Il-konvenut kien beda jahdem bhala sprejer, izda mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien waqa' lura fil-pagamenti tal-boll, tant li sabiex seta' kien f'posizzjoni li jirranga s-sitwazzjoni, ha parir u ra kif ghamel sabiex ighaddi Bord.

Il-psikjatra Dr.Vella Baldacchino, xehed li meta kien ivvizta lill-konvenut, kien mixhut fuq is-sufan u kien jidher f'stat ta' depressjoni, izda kien jidher ahjar meta rah darb'ohra.

Bint il-partijiet J C  kkorroborat il-verzjoni tal-attrici li l-konvenut kien persuna li dejjem trid li tghaddi tieghu u jekk xi hadd jikkontrarjah kien isir aggressiv. L-attrici ssostni li kien isawwat kemm lilha kif ukoll it-tfal, izda meta z-zewg ulied tal-kontendenti xehdu hadd minnhom ma' kkonferma l-verzjoni tal-attrici li missierhom kien isawwathom.

Madanakollu, it-tifla D ghazlet li tiehu lill-attrici go darha wara li kienet xhud ta' argument iehor bejn il-genituri taghha u ghamlet zmien twil tghix maghha.

Ghall-konvenut, il-problema li kien hemm fiz-zwieg kienet biss il-vizzju tal-loghob tal-attrici u jghid li abbandunat id-dar konjugali wara glieda peress li qabadha qed ticcekkja s-Super 5. L-attrici tinnega dan l-incident

kien relatat mal-biljetti tas-Super 5 pero' ma tinnegax li gieli akkumpanjat lill-konvenut il-Casino ghax kien ihobb jilghab u kien tilef hafna flus. Kien hemm okkazzjoni wahda fejn kienet marret wahedha ghax kienet mistiedna ikla u ma marritx biex tilghab.

Bint il-partijiet JC , filwaqt li ma nnegatx li ommha kienet tattendi t-Tombla ma kinitx tarah bhala vizzju, izda delizzju. In kwantu l-vizzju li tilghab izjed flus u tberbaqhom il-Casino, tghid li qatt ma kienet rat xi nuqqasijiet da parti tal-attrici f'dan is-sens, izda kienet biss semghat akkuzi fuqha. It-Tombla hija loghba tradizzjonali Maltija u hafna nies partikolarment tal-generazzjoni tal-attrici jhobbu jilghabu din il-loghobha u kieku ghalhekk hafna nies ghandhom jigu ttimbrati bhala lghaba!

Inoltre, l-attrici waslet sabiex tghid li kienet bieghet xi fili tad-deheb mhux biex ikollha flus sabiex tilghabhom, izda sabiex ikollha flus biex tixtri rigal ghan-neputi peress li kienet ser tkun parir tieghu.

Il-konvenut ma ressaq ebda provi konkreti jew konvincenti sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li l-attrici kellha vizzju tal-loghob minghajr limitu u li kkaguna problemi finanzjarji fiz-zwieg taghhom. Jekk kien hemm problemi ta' dejn kien il-konvenut certament li naqas li ma jhallasx il-bolol.

Ghalkemm l-attrici ghamlet cirka xi ghoxrin sena tghix ma' bintha. Fil-mori tal-proceduri l-attrici u l-konvenut regghu ttentaw jibnu r-relazzjoni taghhom u marret tghix lura d-dar, izda dan dam ftit wisq ghax l-attrici

bdiet issakkar il-kamra tas-sodda u tikkontrolla kollox, tant li l-konvenut qabad u mar ighix fil-garaxx.

Wara li analizzat il-provi, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-kontendenti t-tnejn ikkontribew ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba problemi tal-loghob tal-attrici li ghalkemm mhux akuti. Ikkontribew ghal problemi ukoll id-dejn li beda jkollu l-konvenut minhabba n-nuqqas ta' xoghol ta' mastrudaxxa u beda jahdem ta' tellar. Zgur li l-problemi waslu ghall-tensjoni kontinwa fir-relazzjoni taghhom bil-konvenut isir aggressiv, tant li bint l-attrici gabret lil ommha maghha sabiex tevita xi inkwiet ikbar.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonkludi li t-tifrik taz-zwieg sehh minhabba sevizzi u minacci da parti tal-kontendenti fil-konfront ta' xulxin.

**<u>Manteniment</u>**

L-attrici qed titlob manteniment minghand il-konvenut. Kienet tahdem biss qabel iz-zwieg, imbaghad meta bdew gejjin it-tfal, l-attrici ma komplitx tahdem. Fiz-zmien li l-partijiet kienu bdew bil-proceduri ta' separazzjoni kien beda jghaddilha s-somma ta' €30 fil-gimgha.

L-attrici ressqet provi konvincenti li l-konvenut ma tantx kien jiftah idejh maghha u biex temfasizza dan il-fatt tirribatti l-allegazzjoni tieghu li kellha vizzju ikrah tal-loghob u dan peress li anqas kieku riedet ma kienx ikollha flus f'idejha sabiex tilghabhom.

Mhux ikkontestat li llum l-attrici tircievi parti mill-pensjoni tal-konvenut u dan wara kkonfermat li hi tircievi pensjoni u l-istess konvenut ikkonferma

li nofs il-pensjoni li jircievi qed tircevih l-attrici. Skond dak li xehed Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali l-kontendenti jircievu l-pensjoni tal-eta' kull wiehed u dan jammonta ghal cirka €300 fix-xahar rispettivament.

L-attrici qed tinsisti li ma setghetx tircievi pensjoni tajba peress li minkejja li dejjem ghenet lill-konvenut qatt ma kienet impjegata u qatt ma thallset tas-servizzi rezi. Il-pretensjoni tal-attrici ma treggix peress jekk kienet qed tghin lir-ragel, li skond il-konvenut kienet biss tghinu  tnaddaf il-karozzi, dan kien qed isir minhabba li hija mart il-konvenut u ghalhekk *ex gratia*.

Jirrizulta li l-konvenut ghadu jahdem fuq ftit karozzi bhal sprejer u dan ikkonfermah hu stess, iktar ghax huwa dilettant milli xi haga ohra u ghalhekk huwa gust li jikkontribwixxi b'mod zghir hafna lejn il-manteniment tal-attrici u cioe' jhallas €100 fix-xahar.

<u>Ghaldaqstant, il-konvenut jibqa' responsabbli jhallas manteniment lill-attrici fis-somma ta' **€100 fix-xahar** u dan tenut kont tal-fatt li huwa pensjonant u l-introjtu tieghu huwa ftit wisq.</u>

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

**<u>Deheb</u>**

L-attrici elenkat id-dehebijiet li kellha u kien hemm parti li kienet tatha ommha u ohrajn li nxtraw fiz-zwieg. Dwar id-deheb li nxtara fiz-zwieg, il-konvenut ighid li qieghed ghandu u kien warrbu, filwaqt li dawk

parafernali jsemmi li kien taha lura curkett tad-djamanti, barbazzal, par fili u xi msielet ohrajn.

L-attrici da parti taghha elenkat bhala dehebijiet parafernali s-segwenti – barbazzal, fili kbar, sett tas-serp (brazzuletta u curkett), curkett tat-tieg u tal-engagement, labra, par imsielet parigg, brazzuletta tal-filogram, gizirana hoxna, hamest icrieket ohra u xi tlett imsielet ohra, sett djamanti u sett iehor tad-dudu (imsielet).

L-attrici tinnega li l-konvenut kien taha dan id-deheb kollu, pero' l-verzjoni taghha ma tirrizultax konvincenti u dan wara li semmiet li kienet bieghet l-par fili sabiex tixtri rigal ghan-neputi peress li kienet ser tkun il-parrina tieghu, filwaqt li l-istess konvenut jikkonferma li kien taha biss curkett tad-djamanti, barbazzal, par fili u xi msielet ohrajn.

Dwar id-deheb ighid li kien tal-attrici kien refghu u dwar dawk li gabet qabel iz-zwieg kien tah lura curkett tad-djamanti, barbazzal, par fili u xi msielet ohrajn.

Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jrodd lura d-dehebijiet l-ohra li fadal u li jametti hu stess qedghin ghandu.

**<u>Vetturi</u>**

L-attrici ssemmi diversi vetturi li xehed fuqhom Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta. Issemmi dawk il-vetturi li kienu

rregistrati fuq ismu u dawk li gew iggaraxxjati jew *scrapped* u qed tippretendi li ghandha tinghata sehemha taghhom.

Il-Qorti ma tistax taqbel mal-pretensjoni attrici ghaliex hafna minn dawn il-vetturi kienu ghandu fiz-zmien li kienu jghixu flimkien u fil-maggorparti gew iggaraxxjati jew *scrapped* fiz-zmien li kienu ghadhom flimkien,

Jirrizulta pero' li llum il-konvenut ghad ghandu erba' vetturi rregistrati fuq ismu u dawn huma;-

i) Piaggio Typhoon CAD 026
ii) Fiat Uno EAZ 087
iii) Honda HRV CBS 709
iv) Toyota RAV4 NV JPD 197

Dawn il-vetturi lkoll ghandhom iktar minn ghoxrin sena fuqhom u ghalhekk il-valur taghhom huwa minimu u ghaldaqstant is-somma ta' €400 bhal sehem l-attrici tal-istess vetturi jirrizulta 'l fuq minn sufficjenti.

**Kontijiet bankarji**

Dwar il-kontijiet bankarji ma jirrizultax li hemm ammonti sostanzjali fil-kontijiet u ghalhekk kulhadd ghandhu jzomm il-kontijiet tieghu.

**Dar Matrimonjali**

M'hemmx kontestazzjoni li d-dar matrimonjali u cioe' 58, Triq Pawlu Saliba, Hamrun, hija parafernali ghall-konvenut u dan wara li kien

akkwista l-art. L-attrici mhix certa f'liema kapacita' kienet dehret fuq il-kuntratt peress li ma kinitx taf taqra, izda jirrizulta li kienet marret biss bhala xhud.

L-attrici tinsisti li kienet ikkontribwiet ghall-bini ta' dina d-dar u dan peress li kienet tahdem fil-fabbrika Bluebell u kienet tghaddi l-flus lill-konvenut. Dina l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-konvenut li l-attrici naqset tipproduci provi dwar dawn il-flejjes li tallega li ghaddiet lill-konvenut u ghaldaqstant ghal dina l-Qorti dan ma giex ippruvat.

L-istess jista' jinghad in kwantu jirrigwarda l-allegazzjoni tal-attrici li ommha kienet ghaddiet mitejn Euros (€200) lill-konvenut peress li originjarjament kellhom pjan sabiex imorru lejn l-Kanada, izda ma marrux u uzawhom fid-dar. Prova ta' dan ma ngabitx u ghaldaqstant dina l-Qorti mhix ser tikkunsidrahom.

Huwa kkonfermat mill-kontendenti li fiz-zwieg kienu bnew sular iehor u ghalhekk saru diversi benefikati u l-attrici qed tippretendi li tinghata sehemha minn dawn il-benefikati kemm il-darba dina l-Qorti ma tiddecidx mod iehor.

Prezentement l-attrici qiedgha tghix fid-dar matrimonjali u l-konvenut fil-garaxx li jikri. Il-Qorti trid tikkunsidra ukoll li llum il-kontendenti huma pensjonanti u mhumiex ta' eta' zghira fejn jistghu jiehdu self mill-bank. Ghalhekk jekk dina l-Qorti jkollha tordna l-izgumbrament tad-dar ta' wiehed mill-kontendenti wiehed zgur jispicca minghajr saqaf fuq rasu.

Il-Qorti taqbel ma' dak enunciat minn dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fis-sentenza **AB vs CB** deciza fil-15 ta' Dicembru, 2016:-

> "***Jigi mill-ewwel stipulat illi l-Qorti m'hijiex affettwata mit-titolu li l-partijiet kienu jew ghadhom jokkupaw il-fond, izda tqis biss li l-istess fond il-partijiet ghazluh bhala d-dar matrimonjali taghhom u bhala tali z-zewg partijiet ghandhom drittjiet fuqu irrispettivament mill-origini u/jew mit-titolu tal-fond. Dan mhuwiex fond bhal kull fond iehor, izda huwa d-dar taz-zwieg. It-tgawdija tal-fond tiddependi fuq it-tortijiet rispettivi tal-partijiet fit-tkissir taz-zwieg u mhux fuq it-titolu."***

Illi l-istess kellha xi tghid il-Qorti fil-kaz **Mary Grace Borg pro.et.noe vs George Borg** deciza fit-23 ta' April, 2001 fejn il-Qorti rriteniet li "***….kif irriteniet din il-Qorti, l-interess li jrid jigi salvagwardjat huwa mhux biss dak tal-minuri, minkejja illi l-interess tat-tali jibqa' dejjem suprem, izda ukoll tal-partijiet kollha involuti, partikolarment ta' dik il-parti illi tkun sejra tkun tigi zgumbrata mid-dar konjugali u b'daqstant tkun sejra ssir ruhha minghajr saqaf fuq rasha,"***

Ghalhekk, in sostenn ta' dan, l-ahjar arrangjament ikun dak li jinhatar perit sabiex jiddividi l-istess proprjeta' b'mod komodament divizzibbli, b'tali mod li l-kontendenti t-tnejn jibqghu jghixu hemm u dan tenut tac-cirkostanzi u l-eta' tal-partijiet. Dan ma jfissirx li l-attrici qed tigi assenjata nofs il-proprjeta', izda biss li ghandha dritt tirrisjedi fiha *vita durante*. Tenut kont ghalhekk tac-cirkostanzi, sakemm il-meters tad-dawl u ilma

jistghu jigu installati separatament, il-konvenut ghandu jkun responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tawtorizza s-separazzjoni bejn il-konjugi C minhabba li l-kontendenti rrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u minacci kommessi fil-konfront ta' xulxin.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitt Euros (€100) fix-xahar bhala manteniment.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut jerga' jghaddi f'idejn l-attrici d-dehebijiet parafernali taghha kif fuq imfisser. Inoltre, tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.
4. Tichad ir-raba' talba attrici.

**Kontro-Talba**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-konjugi C peress li l-kontendenti rrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u minacci fil-konfront ta' xulxin.

2. Tilqa’ t-tieni kontro-talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

3. Tichad it-tielet kontro-talba stante ma jirrizultatx proprjeta’ parafernali tal-konvenut.

4. Tichad ir-raba’ kontro-talba stante dak li gie deciz rigward id-dar matrimonjali fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

5. Tichad il-hames kontro-talba.

6. Tichad is-sitt kontro-talba.

Tahtar lill-Perit Mario Axisa sabiex jippresenta rapport dwar kif il-proprjeta’ imsemmija tigi komodament divizibbli, u min mill-partijiet ser jirresjedi f’liema parti, hekk kif gia’ deciz fis-sentenza. L-ispejjez tal-Perit u tax-xogholijiet in kwistjoni ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu f’sehem indaqs bejn il-partijiet.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**